

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.7.2009  
KUMM(2009) 364 finali

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tkompli tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (minn hawn 'il quddiem: 'id-Direttiva tal-VAT'), il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru li japplika miżuri speċjali biex jidderoga mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ħlas ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jew biex iwaqqaf milli jseħħu ċerti forom ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa.

Permezz ta' ittra rreġistrata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2008, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (minn hawn 'il quddiem 'Il-Ġermanja) talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tuża miżura li tagħti deroga mill-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT. Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tal-Ġermanja, permezz ta' ittra ddatata t-3 ta' Ġunju 2009. Permezz ta' ittra ddatata d-9 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ġermanja li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tqis it-talba.

#### **Il-kuntest ġenerali**

Skont l-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT, persuna taxxabbli hija intitolata li tnaqqas il-VAT imposta fuq xiri ta' oġġetti u servizzi għall-użu fit-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha. Madanakollu l-miżura ta' deroga, li għaliha qed tintalab l-estensjoni mill-Ġermanja, teskludi kompletament mid-dritt għat-tnaqqis il-VAT fuq oġġetti u servizzi li jintużaw fiktur minn 90% tal-każi għall-raġunijiet privati jew mhux għan-negozju minn persuna taxxabbli.

Din il-miżura ta' deroga fil-bidu nġhatat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/186/EC tat-28 ta' Frar 2000 (ĠU L 59, 4.3.2000, p12) għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2002 u kienet sussegwentament estiża bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 203/354/KE tat-13 ta' Mejju 2003 (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 47) sat-30 ta' Ġunju 2004 u għal darba oħra bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/817/KE tad-19 ta' Novembru 2004 (ĠU L 357, 2.12.2004, p. 33) sal-31 ta' Diċembru 2009.

Il-Kummissjoni diġà stqarret fil-proposta tagħha li ressqet qabel id-Deċiżjoni 2000/186/KEE (COM(1999)690 finali) li skont hi l-miżura kkonċernata hija kompatibbli mal-Artikolu 27 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE (ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1); li ġiet sostitwita, mingħajr l-ebda modifiki sostanzjali, permezz tal-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT. Partikolarment, il-Kummissjoni spjegat li d-deroga hija bbażata fuq il-bżonn li tkun issimplifikata l-proċedura li biha l-VAT hija imposta fejn, fl-istess ħin, hija taffetwa l-ammont ta' taxxa dovuta fl-istadju tal-konsum finali b'mod neglijabbli biss. Għalhekk id-deroga għandha tingħata billi jkun meqjus li s-sitwazzjoni u l-fatti, li fuqhom kienet ibbażata d-deroga inizjali, għadhom jeżistu. Madanakollu, iż-żmien tal-estensjoni għandu jkun limitat sabiex qabel ma tkun ikkunsidrata talba ġdida possibbli għall-estensjoni u fuq informazzjoni xierqa pprovduta mill-Ġermanja, ikun jista' jiġi evalwat jekk dawn iċ-ċirkustanzi, li

jiġġustifikaw id-deroga, inbidlux maż-żmien. Għalhekk, il-perjodu ta' deroga għandu jkun limitat sal-31 ta' Diċembru 2012.

### **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2004 li tawtorizza lill-Ġermanja biex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 17 tas-Sitt Direttiva 77/388/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-taxxi fuq il-valur tal-bejgħ (ĠU L 357, 2.12.2004, p. 33).

### **Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-miri tal-Unjoni Ewropea**

Ma tapplikax.

## **IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

### **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Mhux rilevanti.

### **Ġbir u użu tal-kompetenza**

Ma kienx hemm bżonn l-ebda għarfien espert estern.

### **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta għall-Deċiżjoni timmira li tissimplifika l-proċedura biex tkun imposta l-VAT relatat ma' oġġetti u servizzi li huma prinċipalment użati għall-użu mhux kummerċjali u li, għalhekk, għandha potenzjalment impatt pożittiv.

Madankollu, minħabba l-ambitu ristrett tad-deroga u l-applikazzjoni limitata fiż-żmien, l-impatt għandu jkun fi kwalunkwe każ limitat.

## **L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

### **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Awtorizzazzjoni lill-Ġermanja biex tkompli tapplika miżura ta' deroga mid-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-esklużjoni totali tad-dritt għat-tnaqqis fil-każ ta' oġġetti u servizzi li huma użati minn persuna taxxabbli għal iktar minn 90% tal-każi għal raġunijiet mhux ta' negozju.

### **Bażi legali**

Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT.

### **Il-prinċipju ta' sussidjarjetà**

Skont il-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, Stat Membru li jixtieq idaħħal miżuri ta' deroga mill-imsemmja Direttiva għandu jikseb awtorizzazzjoni mill-Kunsill, li tiegħu l-forma ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. Il-proposta għalhekk tikkonforma mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

## **Il-prinċipju ta' proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġuni(jiet) li ġejja/in.

Din id-Deċiżjoni tikkonċerna awtorizzazzjoni konċessa lil Stat Membru fuq it-talba tiegħu stess u ma tikkostitwixxi l-ebda obbligu.

Minħabba l-ambitu limitat tad-deroga, il-miżura speċjali hija proporzjonata mal-għan mixtieq.

## **L-għażla tal-istrumenti**

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, deroga mir-regoli komuni tal-VAT hija possibbli biss bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill waqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni. Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-iktar strument adattat ladarba tista' tiġi indirizzata lill-Istati Membri individwali.

## **L-IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-Komunità.

## **TAGĦRIF ADDIZZJONALI**

### **Klawżola ta' valutazzjoni/reviżjoni/terminazzjoni**

Il-proposta tinkludi klawżola ta' tmiem awtomatiku wara l-għeluq tal-perjodu ffissat.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li tawtorizza lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tkompli tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<sup>1</sup>, u partikolarment l-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra rreġistrata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni fid-19 ta' Diċembru 2008, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (minn hawn 'il quddiem 'Il-Ġermanja') talbet awtorizzazzjoni biex tkompli miżura ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112/KE li tirregola d-dritt għat-tnaqqis u preċedentament mogħtija bid-deċiżjoni tal-Kunsill 2004/817/KE<sup>2</sup> skont is-Sitt Direttiva li kienet applikabbli dakinhar 77/388/KE<sup>3</sup>.
- (2) Skont l-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, il-Kummissjoni infurmat lill-Istati Membri l-oħra bit-talba li saret mill-Ġermanja permezz ta' ittra ddatata t-3 ta' Ġunju 2009. Permezz ta' ittra ddatata d-9 ta' Ġunju 2009, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Ġermanja li hija tikkonsidra neċessarju li tqis it-talba.
- (3) Il-miżura derogatorja hija maħsuba biex teskludi kompletament mid-dritt għat-tnaqqis il-VAT fuq oġġetti u servizzi meta dawn jintużaw fiktur minn 90% tal-każi għall-raġunijiet privati tal-persuna taxxabli, jew tal-impjegati tagħha, jew għal raġunijiet li mhumiex ta' negozju inġenerali.
- (4) Il-Miżura tidderoga mill-Artikola 168 tad-Direttiva 2006/112/KE li tistabilixxi l-prinċipju ġenerali tad-dritt ta' tnaqqis u hija maħsuba biex tissimplifika l-proċedura tal-imposta tal-VAT. L-ammont ta' taxxa dovut fl-istadju finali tal-konsum huwa biss affettwat b'mod negliġibbli.
- (5) Is-sitwazzjoni legali u fattwali li kienet iġġustifikat l-applikazzjoni kurrenti tal-miżura ta' simplifikazzjoni kkonċernata ma nbidlitx u għadha teżisti. Il-Ġermanja għandha

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p.1

<sup>2</sup> ĠU L 357, 2.12.2004, p. 33.

<sup>3</sup> ĠU L 145, 13.6.1977, p. 1.

għalhekk tkun awtorizzata tapplika l-miżura ta' simplifikazzjoni għall-perjodu ieħor, iżda limitat sal-31 ta' Diċembru 2012 sabiex tippermetti evalwazzjoni tal-miżura.

- (6) Id-deroga mhux ser ikollha l-ebda impatt negattiv fuq ir-rizorzi proprji tal-Komunità mill-VAT,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 168(2) tad-Direttiva 2006/112/KEE, il-Ġermanja hija awtorizzata li teskludi n-nefqa fuq oġġetti u servizzi mid-dritt ta' tnaqqis tal-VAT meta f'iktar minn 90% tal-każi l-oġġetti u s-servizzi inkwistjoni huma użati għal raġunijiet privati tal-persuna taxxabbli, jew tal-impjegati tagħha, jew, b'mod iktar ġenerali, għal skopijiet li mhumiex ta' negozju.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 2012.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*